KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 59

Id-disa u ħamsin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 30 ta' Awissu 2016 fis-6.20pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | John Pillow | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Graziella Enriquez | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u sotto kumitati*
5. *Cleaning up Strategy*
6. *Appell għall-progett Townsquare*
7. *Cirkulari 16/2016 – Hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv*
8. *Suggerimenti mill-Kunsilliera*
9. *Aggornamenet*

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjonijiet. Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-minuti. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti*

1.2 Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa informali 17/08/2016 dwar il-proġett TownSquare.

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar Shaw fis-6.27*

1.3 Il-Kunsilliera M. Aquilina irreferiet għall-punt 1.12 u qalet li l-aħħar biċċa tas-sentenza trid tinqara 'l-appell għandu jkun f'isem il-Kunsill Lokali'.

1.4 Is-Sindku irrefera għall-punt 1.13 u qal li parti mill-ewwel sentenza trid tiġi koretta minn 'fil-proġett ta' Hughes Hallet' għal 'protesta li saret Gnien Bonello Dupuis'.

*Daħal il-Kunsillier M. Briguglio fis 6.27*

2. **MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI**

2.1 Dwar is-CCTV ta' Qui Si Sana, il-Kunsill tkellem mal-MIDI dwar id-dawl. Is-CSD qalu li issa m'għandhomx aktar sistemi ta' CCTV available u li jridu joħorġu tender ġdid u ma jistgħux jikkommettu ruħhom ghalissa. *CCTV Qui Si Sana*

2.2 Il-Viċi Sindku talab li CCTV issir min-naħa tal-Kunsill. Il-Kunsillier P. Radmilli qabel ma dan. Il-Kunsill ġie infurmat li l-MIDI kellhom ibiddlu l-*container* u meta jbiddlu l-Kunsill ikun jista jwaħħal id-camera mieghu. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li filkaz nerġgħu navviċċinawhom. Is-Sindku qabel u saqsa jekk hemmx mezz kif jgħaddi d-dawl mill-Gnien. Is-Sindku qal li l-ewwel il-Kunsill irid isolvi l-problema tad-dawl, il-camera jixtrija l-Kunsill u għandu jistaqsi għal kwotazzjonijiet u eventwalment meta titwaħħal tiġi osservata mis-CSD.

2.3 Dwar il-bins il-ġodda li għadhom kif twaħħlu l-Kunsill innota li qegħda ssir diffiċli biex jitbattlu. Il-Kunsill għamel il-boroz suwed izda l-kuntrattur mhux qiegħed jaqbel li jkompli jghamel il-boroz. Il-Kunsillier P. Radmilli ssuġġerixxa li jibda jgħaddi persuna (qabel *Tbattil ta' bins*

il-ġbir tal-iskart) u joħroġ il-borza biex tkun tista tinġabar u jagħmel oħra fil-bin. Kien hemm qbil li tinħareġ ordni mil-Kunsill lill-kuntrattur li għandhom jintuzaw il-boroz.

2.4 Dwar it-*ticketing booths* tax-Xatt, din kellha titressaq *cabinet memo*, izda l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta. Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa lill-Kunsill biex jitlob lit-*Tourism Police* rapport ta' l-azzjoni li ħadu. *Ticketing booths*

2.5 Il-Kunsillier P. Radmilli ssuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat ittra lis-Supt. Mamo. Il-Kunsillier M. Briguglio qabel ma dan. Is-Sindku qal li l-Ministru qal li dawn l-affarijiet iridu jiġu irranġati. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li t-*Tourism Police* għandhom jagħmlu l-infurzar.

2.6 Kien hemm qbil li tintbgħat l-ittra lis-Supt. Mamo permezz tal-avukat, fejn tiġi kkwotata l-liġi, l-illegalitajiet li qegħdin isiru, dwar l-imwejjed u s-siġġijiet barra l-parametri u li l-kiosks mhux qegħdin fil-ħamsin metru kif stipulat fil-liġi. Kien hemm qbil ukoll li din l-ittra tiġi *scanned* u titella' fuq *facebook*.

2.7 Dwar l-*outdoor gym*, il-Kunsill ġie infurmat li x-xogħol qiegħed jitkompla u l-ġimgħa d-dieħla se jeħel l-*equipment* u d-dawl ser jigi ordnat. Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li titwaħħal CCTV. Kien hemm qbil dwar dan. Kien hemm qbil ukoll li titwaħħal plakka u jsir *disclaimer* fejn titnizzel is-sena li jkun ġie inawgurat u li ġiet miftuħa mis-Sindku flimkien mal-MTA. *Outdoor gym*

2.8 Dwar punt 2.21 tas-seduta 25/07/2016 dwar il-laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici, il-Kunsillier P. Radmilli talab li ssir laqgħa tal-*Finance Committee*. Id-data proposta l-Erbgħa 7 ta' Settembru fis-1pm. Kien hemm qbil li tiġi kkombinata wkoll l-laqgħa mal-Greenpak.

2.9 Dwar ir-*Regina car park* il-Kunsill ġie infurmat li din ġiet differita għal sena oħra. Kien hemm qbil li r-risposti li l-Kunsill irċieva minn entitajiet differenti ngħadduhom lil PA. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li għandna nkellmu lis-Segretarju tal-Bord biex irressaq id-data tas-smiegħ qabel Novembru 2016. *Regina car park*

2.10 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw irreferiet għal punt 2.20 dwar il-laqgħa li kellha mas-Segretarju Parlamentari Buontempo dwar il-ġbir ta' skart minn Fort Cambridge u qalet li is-Segretarju Parlamentari wiegħed li mill-1 ta' Jannar 2017 l-Kunsill se jiġi *Fort Cambridge*

allokat il-fondi biex ikun jista jinġabar l-iskart min dan il-kumpless. Is-Segretarju Ezekuttiv talab li din il-konferma tingħata bil-miktub.

2.11 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw irreferiet għal *Italian Wine Festival* u qalet ma kienx il-post ideali, ma kienx hemm dawl bizzejjed u talbet li jsir kuntatt magħhom għal *feedback*. *Attivita*

2.12 Dwar punt 3.8 dwar Triq Censu Xerri, l-Kunsill ġie infurmat li skont l-istima mil-perit hemm spiza ta' madwar Ewro 11,000. Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li nitolbu għajnuna mill-MIDI u minn Fort Cambridge. Is-Sindku qal jew min-naħa l-oħra nistgħu nagħmlu xi tip ta' rimedju u tittranġa l-area fejn izomm l-ilma. Kien hemm qbil ma' l-aħħar punt. *Triq Censu Xerri*

*Il-laqgħa ġiet sospiza fis-7.20pm*
*Is-seduta kompliet fis-7.40pm*

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI

3.1 Dwar il-pagament tal-M Quip is-Sindku talab li jiġi mizmum parti mill-kont għax hemm bzonn li jsri tiswijja tal-apparat. Jitħallas l-ammont ta' Ewro 4000 biss u tinħareġ invoice oħra għal kumplament li dawn jitħallsu meta jiġu rranġati. Ġie nnotat li *chimes* iridu jitneħħew u minnflok jitpoġġew oħra għaliex dawn huma *sharp edged*.

3.2 Dwar it-tender ta' dawl ghal Gnien Indipendenza kien hemm zewġ kumpaniji li jidhru interessati. Dwar is-CCTV is-sejħa għal kwotazzjoni se toħroġ malli tkun deciza l-offerta tad-dawl.

3.3 Dwar il-vandalizmu tat-toilets f'Ferro Bay, kien hemm qbil li nagħmlu rapport lill-pulizija u ssir *notice* fil-latrina stess.

3.4 Dwar il-vandalizmu li sar fuq il-*wind vane*, il-Kunsill ġie infurmat li skont il-kwotazzjoni din tiswa madwar Ewro 590. Il-Kunsill approva u kien hemm qbil li nitolbu lill-*insurance* tistax tiġi rifonduta.

3.5 Il-Vici Sindku talab li jitwaħħlu CCTVs f'areas komuni tal-lattrini. Kien hemm qbil insejħu għal kwotazzjoni għal CCTV fi Qui Si Sana ukoll.

3.6 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti. Il- *Approvazzjoni tal-pagamenti*

Kunsillier M. Briguglio issekonda, Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti.

*Is-Sindku talab li jmur għal item 6. Kien hemm qbil*

## 6. APPELL GHAL PROĠETT TOWNSQUARE

6.1 Il-Kunsill ġie infurmat li l-permess se jkun ippubblikat għada. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li se nuzaw l-assistenza ta' zewġ avukati u saqsa kemm se jiswew lill-Kunsill. Is-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillier M. Briguglio qalu li dawn iz-zewġ avukati jispecjalizzaw fuq proceduri tal-PA. Kunsill qabel li dawn l-avukati jghatu kwotazzjoni.

6.2 Il-Kunsilliera M. Briguglio u P. Radmilli qalu li jekk jappella xi ħadd magħna l-ispejjez jistghu jinqassmu. Il-Kunsill ġie infurmat li Din l-Art Helwa lesti li jgħinu. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li l-Kunsill qiegħed jimxi sew u taqbel li l-Kunsill m'għandu jdaħħal lil ħadd u jappella waħdu.

6.3 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li jaqbel li l-appell ikun ma Din L-Art Helwa għaliex jemmen li l-appell jissaħħaħ. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li hemm NGO's oħra u dawn jistghu jappellaw flimkien. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jkun tajjeb li ndaħħlu lil Din L-Art Helwa għax jinqassmu l-flus, apparti l-fatt li huma biss bħala NGO offrew l-għajnuna tagħhom. Il-Viċi Sindku qal li din mhix kwistjoni ta' flus, imma saqsa jekk dawn ikunu magħna l-appell jissaħħaħx jew le. Il-Kunsilliera P. Radmilli u M. Briguglio jemmnu li iva.
Is-Sindku qal li l-agenda tkun tal-Kunsill u ta' ħadd aktar. Il-Kunsillier D. Muscat jaqbel li l-appell għandu jkun f'isem il-Kunsill biss. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jekk m'hemmx kunsens ma ssirx ma DLH. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' ma DLH u jispjegaw il-pozizzjoni tal-Kunsill u fl-istess ħin il-Kunsill jiddiskuti kif jista jaħdem magħhom, izda l-appell ser isir f'isem il-Kunsill biss.

*Il-Viċi Sindku ġie skuzat li jitlaq mis-seduta 8.30pm*

## 5. CLEANING STRATEGY

5.1 Is-Sindku informa li kellu laqgħa mal-*Cleansing Services Department* u spjega li għandhom sistema ġdida ta' infurzar.

Informa wkoll li CSD offrew li jekk il-Kunsill ikun irid li jigu sorveljati *areas* oħra li ma jaqgħux taħt ir-responsabbilta tagħhom, is-servizz jistgħu jagħmluh bi ħlas. Il-Kunsillier P. Radmilli irrimarka li diġa hija problema li tnewħħew il-*green wardens* u ma jaqbilx li issa se jkollna nħallsu zejjed ukoll.

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ġiet skuzata li titlaq mis-seduta 20.44*

5.2 Il-Kunsillier P. Radmilli ma jaqbilx li nħallsu flus zejda. Qal ukoll li CSD se jkollhom skwadra ta' nies li se jkunu qegħdin jinfurzaw fl-areas li huma responsabbli għalihom. Il-Kunsillier Radmilli jaqbel li nħalluhom jibdew is-servizz huma, filwaqt li nitobu rapport ta' x'ġara imbgħad niddeċiedu nestendux is-servizz bi hlas.

5.3 Kien hemm qbil li jkun hemm kumitat li kull membru jkollu responsabbilta tiegħu li jwettaqa u mhux jiltaqgħu kulħadd f'daqqa. Kien hemm qbil li s-Sindku, l-Kunsilliera D. Muscat, P. Radmilli, J. Pillow u P. Portelli jkunu fil-kumitat.

5.4 Kien hemm qbil li titella fuq *facebook* l-iskeda tal-ġbir ta' skart għal dawn it-tlett/erba xhur.

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

4.1 Tressqet l-applikazzjoni dwar it-taraġ ta' Triq Parisio. Il-Kunsill issuġġerixxa lill-PA li jibqa l-konnessjoni permezz ta' tarag. Il-bord tal-PA qabel unanimament li jibda l-access b'tarag. *Taraġ Parisio*

4.2 Ġie nnotat li kien hemm trasport għad-*Day Centre* li issa twaqqaf u din affettwat ħazin l-anzjani għaliex ħafna ma jistgħux imorru. Id-Dipartiment tal-Anzjani saqsew lill-Kunsill biex jibda joffri dan is-servizz hu a spejjez tieghu. *Day Centre*

4.3 Il-Kunsill qabel li jġib kwotazzjoni għal servizz ta' darbtejn f'ġimgħa. Il-Kunsill għandu jistaqsi lid-*Day Centre* għal aktar dettalji kif ukoll nistaqsu jekk jistgħux jagħtu xi kontribuzzjoni finanzjarja l-anzjani li juzaw dan is-servizz.

4.4 Tressqet proposta li jitwaħħlu ħames stands b'mappa għat-turisti u sitt arloġġi li jaħdmu bis-solar minn kumpanija privata. Fuq wara ta' dawn l-*istands* ikun hemm ritratti ta' dik l-area antika. Kien hemm qbil fil-prinċipju għal dawn l-i*stands u* l-arloġġi la *Stands – Tourist map*

darba dawn jkunu jaħdmu u ma jingumbrawx il-passaġġi. Il-Kunsill għandu jitlob biex jibgħatu ezattamenta l-area mitluba. Il-kuntratt se jkun ta' ħames snin. Il-Kunsill għandu jitlob xi forma ta' rikompens.

4.5 Is-Sindku qal li avviċinawh kumpanija biex issir tip ta' fiera għal persuni li jkunu qieghdin ifittxu impjieg, fejn ikun hemm stands bil-kumpanija li għandhom bzonn jimpjegaw in-nies. Kien hemm qbil li tiġi ssuġġerita biex issir fl-iskola primarja.

4.6 Ġie nnotat li hemm areas oħra li qegħdin izommu l-ilma fosthom : *Manutenzjoni ta' toroq*
Triq San Karlu ma Triq Sant'Elena
Triq San Publius ma' Triq San Pietru
Triq Censu Xerri quddiem l-entratura ta' *The Point*
Triq Viani minn Triq D'Argens il-ġewwa

Is-Sindku propona li jsiru dawn ix-xogħlijiet, izda qabel inġibu stima tal-ispiza u laqgħa oħra tiġi deċiza.

4.7 Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jġib stima biex issir *patching* fi Triq Guze Howard (bejn Milner u Amery u bejn Amery u Stella Maris)

4.8 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jkellem lill-kuntrattur tal-iskart għaliex qiegħed jitla bl-*iscammel* fuq il-bankina ta' Triq Sir Arturo Mercieca.

## 7. CIRKULARI 16/2016 – HATRA TA' DEPUTAT SEGRETARJU EZEKUTTIV

7.1 Ġie nnotat li l-liġi ma tgħidx li jrid jintgħazel mil pool. Din se tiġi diskussa darb'oħra għaliex bħalissa qegħda *on hold.*

## 8. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

8.1 Kien hemm talba għal prova ta' zip line fuq il-baħar bejn Għar id-dud u Qui-Si-Sana. Din ġiet approvata.

8.2 Il-Kunsillier D. Muscat tkellem dwar l-attivita Tas-Sliema Wirt u Niesha. Il-Gimgħa 14 ta'Ottubru se jkun hemm serata bi zfin, stejjer u premijiet ta' Ġieħ Tas-Sliema fit-Teatru Salezjan. Ġie nnotat li għal premijiet se jkun hemm bord li fih se jkun hemm *Tas-Sliema Wirt u Niesha*

Martina Zammit, Luke Vella (ex Kunsillier) Frederick Testa, Mary Grech, Alfred Cachia u l-Imħallef Caruana Colombo li se jkun Chairman.

8.3 Din il-ġimgħa se jkunu qegħdin joħorġu l-applikazzjonijiet għal nominazzjonijiet. Se jintgħazlu ħamsa (erba li għadhom ħajjin u ieħor *posthummous*.

8.4 It-Teatru Salezjan jesa' madwar 435 persuna. Se jiġu invitati persuni distinti u eventwalment tinfetaħ għall-pubbliku. Wara jkun hemm riċeviment għal-mistednin bl-invit biss.

8.5 l-attivita tkompli is-Sibt filgħodu 15 ta' Ottubru. Se jkun hemm quddiesa fit-8.30am in-Nazzarenu wara ikun hemm il-*Brigades* u ssir cerimonja quddiem il-monument tal-gwerra. Se ssir ukoll mixja kulturali b'risq l-inspire. Il-parteċipanti jagħtu d-donazzjoni ta' Ewro 10 (tfal ma jħallsux). L-istoriċi se joħduna u jispjegaw fuq il-post storiku. Se jiġu involti nies b'dizabilta. Fil-5pm se jkun hemm banda u qari ta' poeziji fi Pjazza Sant'Anna.

8.6 Trid issir ukoll paġna fuq *facebook* għal *Tas-Sliema Wirt u Niesha.* Se tiġi stampata wkoll mappa li fuqha jkun hemm *logos* tal-isponsors.

## 9. AGGORNAMENT

9.1 Is-seduta intemmet fl-22.20. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru 2016 fis-6pm

Minuti approvati llum

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**